**10 ta' April, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D., President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Belin sive Benigno Saliba

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Konvenzjoni Ewropeja – Smiegħa Xieraq – Kawża Kriminali – Xhieda – Assistenza Legali – Avukat – Leġittimu Kontradittur – Kummissarju tal-Pulizija – Raġuni retta u prattika**

*Ordni ta' riferenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali. L-imputat kien ilmenta li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, fid-data li nqatgħet il-kawża tiegħu, hu ma kienx assistit minn avukat u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali rriferiet il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Il-Prim'Awla ddeċidiet li kienu ġew miksura d-drittijiet fundamentali tal-imputat. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat s-sentenza appellata, ddikjarat li ma kienx hemm vjolazzjoni tad-dettami tal-Kodiċi Kriminali, u ordnat li l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha tisma x-xiehda tal-imputat qabel ma tgħaddi għas-sentenza.*

*Meta tqum kwistjoni ta' riferenza huwa dover tal-ġudikant li qabel jagħmel l-Ordni l-ewwel jara l-kwistjoni hiex kontemplata fil-liġi ordinarja u, jekk hija, hemmx rimedju għall-allegata irregolarità. Il-biċċa l-kbira tal-prinċipji fondamentali tal-proċedura kriminali li kien hemm fil-Kostituzzjoni, huma ġa eċċipiti fil-Kodiċi Kriminali. Id-dover tal-Qorti għalhekk huwa, li meta tista', tapplika r-rimedju ordinarju u mhux tagħmel l-ordni ta' riferenza. Fil-każ in deżamina, l-imputat kien irrifjuta li jagħti x-xiehda tiegħu quddiem il-Qorti Inferjuri li tippermetti lill-imputat jixhed quddiemha.*

*Inoltre, osservat il-Qorti Kostituzzjonali, li d-dritt tal-imputat f'kawża kriminali għandu jiġi interpretat u applikat b'mod li jkun konformi mar-regoli tar-raġuni retta u prattika.*

*Il-leġittmu kontradittur f'kawża simili huwa l-Kummissarju tal-Pulizija.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Fil-21 ta' Frar 1991, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ippronunzjat din is-sentenza:-

Il-Qorti: – Rat is-sentenza tagħha tas-6 ta' Diċembru, 1990, li fiha hemm riportata verbatim (i) l-ordni tar-rinviju magħmul *lil dina l-Qorti mill-Qorti tal-Appell Kriminali u (ii) in-nota* tal-pulizija, li għalihom sejra ssir riferenza 'il quddiem f'dina s-sentenza:

Rat l-atti kollha tal-kawża u partikolarment l-atti proċesswali quddiem il-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali fil-kawża fl-ismijiet fuq insemmija;

Rat il-proċess verbal tas-7 ta' Frar, 1991 li minnu jirriżulta illi l-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx iżjed x'iżidu, u għalhekk il-kawża baqgħet differita għas-sentenza għal-lum:

Ikkunsidrat:

Illi b'sentenza tal-21 ta' Ġunju, 1989, mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, l-imsemmi Saliba ġie misjub ħati talli f'Imġarr ix-Xini, Għawdex, għamel jew ġiegħel jew ħalla li jsir xogħol ta' bini mingħajr il-permess tal-Planning Area Permits Board u ġie kkundannat għall-multa ta' ħamsin lira Maltija (Lm50) u mogħti żmien xahar sabiex jiġi konformi mal-liġi taħt penali ta' Lm25 kuljum fin-nuqqas. Saliba appella minn dina s-sentenza.

Fis-seduta tas-6 ta' Settembru, 1989, waqt is-smiegħ tal-kawża fl-appell, id-difensur tal-appellant għamel dikjarazzjoni li ġiet imniżżla fl-atti tal-Qorti bil-kliem li ġej:-

"'Kif jidher mill-verbal tal-21 ta' Ġunju, 1989, il-kawża ġiet deċiża mingħajr ma l-appellant kien *assistit minn avukat ta'* fiduċja tiegħu u minħabba f'dan il-fatt ta' nuqqas ta' assistenza ma kienx f'pożizzjoni li jixhed. Fil-fatt il-kawża ġiet deċiża *nonstante t-talba tiegħu lill-Qorti biex ikun assistit kif jixraq*. Dan jilledi dritt fundamentali tiegħu."

L-istess difensur iddikjara ukoll illi Saliba "kien ġa ġie liberat mill-istess akkuża fi proċess preċendenti deċiż fit-18 ta' Lulju, 1988, u għalhekk f'dan il-każ hemm il-"*bis in idem*" li wkoll jilledi dritt fundamentali tiegħu."

Fis-seduta tal-25 ta' Settembru, 1989, id-difensur ta' Saliba allega li għar-raġunijiet imsemmija kien sar ksur tal-provvedimenti tal-artikolu 39(6) (b), (ċ) u (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fl-ewwel każ u tal-artikolu 39(9) tal-stess Kostituzzjoni fit-tieni każ; huwa talab li l-każ jiġi rimess lil dina l-Qorti kif hemm maħsub fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

Ikkunsidrat dwar l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 39(6)(b), (ċ) u (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

Is-subartikolu (6), fost ħwejjeġ oħra jiddisponi kif ġej:

"(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali

*Omissis*

(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu:
(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal

rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu, jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi:
(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xiehda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas ta' l-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u

*Omissis*

Ikkunsidrat:

Illi fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ġunju, 1989, meta l-kawża *kienet għadha qegħda tinstema' quddiem il-maġistrat*, hemm reġistrat, fost ħwejjeġ oħra, kif ġej:

"L-imputat jagħżel li ma jixhedx peress illi huwa sprovvist minn avukat."

Is-sentenza ngħatat dak in-nhar stess immedjatament wara li sar dan il-verbal, u biha, kif ġa intqal, l-imputat ġie misjub ħati u kkundannat;

Għandu jingħad illi qabel dina s-seduta tal-21 ta' Ġunju, 1989, il-kawża kienet ġa dehret quddiem il-maġistrat erba' darbiet oħra, jiġifieri, fit-13 ta' Settembru, 1988, 12 ta' Ottubru, 1988, 4 ta' Jannar, 1989 u 29 ta' Marzu, 1989. Fl-ewwel u fit-tieni seduta l-imputat kien assistit mill-avukat tiegħu, u fit-tieni seduta l-kawża ġiet differita għall-4 ta' Jannar, 1989 sabiex id-

difiża tkun tista' tippreżenta nota ta' osservazzjonijiet; il-verbal tal-4 ta' Jannar, 1989 ma jurix jekk l-avukat kienx preżenti, però dak in-nhar jidher li ma kien sar xejn u l-kawża tħalliet għad-29 ta' Marzu, 1989. Fid-29 ta' Marzu, 1989, *fuq talba tad-difiża*, il-kawża baqgħet differita għall-21 ta' Ġunju, 1989. Dak in-nhar il-prosekuzzjoni eżibit dokument, u *milli* jidher, għalqet il-każ tagħha, u sar, kif ġa intqal, il-verbal riportat iżjed 'il fuq; minn dana l-verbal wieħed faċilment jista' jiddeżumi illi l-avukat tal-imputat ma kienx preżenti waqt is-seduta; in-nota tal-osservazzjonijiet li kienet awtorizzata li tagħmel id-difiża spiċċat ma saritx.

*Ikkunsidrat:*

Illi minn dawn l-fatti jidher illi ebda ksur tad-disposizzjonijiet tal-paragrafi (b) u (d) tas-subartikolu (6) tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma kien hemm. Id-difiża kellha l-opportunità li tipprepara l-każ tagħha, li teżamina x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni, u li tipproduċi quddiem il-Qorti x-xhieda tagħha; biżżejjed wieħed isemmi illi f'dina l-kawża, waħda sommarja, kien hemm dawn id-differimenti kollha u d-difiża kellha opportunità li tqajjem, kif qajmet diversi eċċezzjonijiet kontra l-akkuża li saritilha.

Għalhekk jibqa' biss li dina l-Qorti tara jekk kienx hemm ksur tad-disposizzjoni tal-paragrafu (c) fuq imsemmi, kif allegat li kien hemm mid-difiża:

F'dan il-kuntest tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh mhux biss dawk id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta li ġa ssemmew iżda wkoll dawk tal-Kodiċi Kriminali għal dawk li huma drittijiet għal difensur li għandu riżervati għalih kull

min ikun akkużat b'reat kriminali. Mill-kumpless ta' dawna d-disposizzjonijiet kollha jidher kemm hija ġeluża l-liġi biex tara illi akkużat bħal dan ikollu miftuħa għalih il-mezz xieraq ta' rappreżentanza legali sabiex huwa jkun jista' jkollu opportunità li joffri l-aħjar difiża possibbli kontra l-akkuża li jkun qiegħed jiffaċċja.

Il-Kodiċi Kriminali għandu mhux inqas minn sbatax-il artikolu li għandhom x'jaqsmu mar-rappreżentanza legali ta' persuna akkużata b'reat kriminali waqt il-proċess; difatti: –

**A. Għal dawk il-proċeduri li jkun hemm quddiem il-Qrati tal-Pulizija Ġudizzjarja**

1. L-artikolu 374(a) jipprovdi illi fil-każ fejn il-prosegwiment tal-azzjoni kriminali jkun jiddependi mill-parti offiża, il-kwerelat għandu jidher personalment iżda huwa jista' jkun assistit minn avukati jew prokuraturi legali:

2. L-artikolu 375(a) jipprovdi illi fil-każ fejn l-azzjoni kriminali tkun immexxija mill-Pulizija Esekuttiva, l-imputat għandu jidher personalment iżda huwa jista' jkun assistit minn avukati jew prokuraturi legali:

3. L-artikolu 525(1)(b) jagħmel applikabbli għall-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja d-disposizzjoni tal-artikolu 445, u bis-saħħa ta' hekk jekk l-imputat jidher bla difensur, il-qorti għandha tgħarrfu illi huwa għandu dritt għal rappreżentanza legali:

4. L-artikolu 392(2) jipprovdi illi, il-każ ta' kompilazzjoni, il-Qorti għandha, **sa minn qabel ma jsir l-eżami tal-imputat fil-parti tal-bidu tal-proċeduri,** tgħarraf lill-imputat illi huwa

jista', jekk irid, ikun assistit minn avukati jew prokuraturi legali:

5. L-artikolu 400 ikompli jgħid illi, **matul il-kompilazzjoni,** l-imputat jsita' jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali:

6. L-artikolu 402(7) jipprovdi illi l-kompilazzjoni tista' tibqa' tkompli titmexxa mingħajr ma jkun preżenti l-imputat f'ċerti każijiet fejn ikun qiegħed isir stħarriġ dwar il-ġenn tal-imputat, imma jekk dana ma jkunx provvist minn avukat jew prokuratur legali, il-Qorti hija fid-dmir li tipprovdi għad-difiża ġusta tiegħu:

**B. Għall-dawk il-proċeduri li jkun hemm quddiem il-Qorti Kriminali**

1. L-artikolu 445 jipprovdi illi meta l-akkużat jidher mingħajr difensur, il-Qorti għandha tgħarrfu illi huwa għandu d-dritt li jkun assistit minn avukat:

2. L-artiklu 458, fil-ħin li jagħti lill-akkużat id-dritt li jagħmel *id-difiża tiegħu kemm huwa stess kif ukoll permezz ta'* avukat, jippermetti wkoll illi il-kontro-replika ssir mill-akkużat stess jew mill-avukat:

**Ċ. Għal dawk li huma proċeduri fl-istadju ta' appell**

1. L-artikoli 420 u 512 jipprovdu dwar l-assistenza legali li għandha tingħata f'ċerti każi mill-Avukat għall-Għajnuna Legali jew minn wieħed mill-avukati tal-Elenku:

2. L-artikolu 511 jipprovdi dwar proċeduri mill-ġdid fil-

każ ta' mewt jew mard tal-avukat tal-appellant f'appell minn ġurijiet:

**D. Hemm imbagħad u fuq dana kollu, is-segwenti disposizzjonijiet dwar dan is-suġġett li għandhom applikazzjoni ġenerali għall-proċeduri quddiem kull waħda mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali**

1. L-artikolu 519 li jqiegħed fuq il-qrati ta' ġustizzja kriminali **d-dmir** li jipprovdu għad-difiża ġusta ta' l-imputati jew akkużati:

2. L-artikolu 520(1)(e) li, sa fejn ma jkunx provdut xort'oħra fl-istess Kodiċi Kriminali, jagħmel applikabbli għall-qrati ta' ġustizzja kriminali kollha d-disposizzjoni (fost oħrajn) tal-artikolu 205 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; f'dan l-artikolu tal-aħħar hemm provdut, fost ħwejjeġ oħra, illi l-Qorti, jekk fil-fehma tagħha dik il-parti ma tistax tittratta l-kawża kif imiss, tista' tordna lill-parti li ma tkunx assistita minn avukat biex tqabbad avukat; u jekk il-parti tonqos li tqabbad avukat, il-Qorti taħtar għaldaqshekk wieħed mill-kuraturi *ex officio* magħżul bit-turn skond l-elenku:

3. L-artikolu 524 jipprovdi illi fil-każijiet fejn il-kawża tkun tista' tibda jew tkompli tinstema' mingħajr il-preżenza tal-imputat jew l-akkużat minħabba l-imġieba ħażina tiegħu, il-Qorti timxi 'l quddiem biss bl-assistenza tal-avukat, jew prokuratur tiegħu, u jekk huwa ma jkollux avukat jew prokuratur legali, bl-assistenza tal-Avukat għall-Għajnuna Legali jew ta' avukat jew prokuratur ieħor maħtur mill-Qorti:

**E. Hemm ukoll is-segwenti disposizzjonijiet speċjali li jgħoddu għad-difensuri ta' l-akkużat**

1. L-artikolu 570 ipoġġi l-obbligu fuq l-Avukat għall-Għajnuna Legali li jieħu f'idejh bla ħlas id-difiża ta' akkużat li ma jkunx qabbad avukat:

2. L-artiklu 571 jipprovdi għall-obbligu tal-Qorti li taħtar avukat sabiex jieħu f'idejh id-difiża ta' l-akkużat, in sostituzzjoni ta' avukat ieħor li ma jkunx jista' jżomm id-difiża ta' l-istess akkużat għar-raġunijiet imsemmija fl-istess artikolu:

3. L-artikoli 572 u 573 jipprovdu fost ħwejjeġ oħra, għad-dixxiplina tal-avukat magħżul mill-Qorti biex jissostitwixxi ieħor taħt l-artikolu 571, jekk kemm-il darba dana jonqos mingħajr raġuni tajba, li jaqdi d-dmir lilu hekk mogħti mill-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi dawna d-disposizzjonijiet kollha tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Kodiċi Kriminali għandhom ikunu applikati f'kull waqt li fih il-persuna akkużata b'reat kriminali tinstab quddiem il-Qorti; ikun għalxejn illi jkollok disposizzjonijiet ta' liġi ta' dina x-xorta – kollha ntiżi biex ikun hemm difiża ġusta li neċessarjament timplika l-parteċipazzjoni ta' persuna kwalifikata biex taqdi l-funzjoni ta' difensur – jekk imbagħad, f'xi ħin waqt il-proċeduri kriminali jew, per eżempju, f'mumenti kritiċi tagħhom fejn forsi l-akkużat jew l-imputat l-iżjed li jkollu l-bżonn tal-konfort tal-assistenza legali, wieħed jasal biex jgħid illi l-liġi stess tasal biex ma tara li hemm xejn ħażin jew mhux ġust filli l-istess akkużat jew imputat jitħalla jfendi għal rasu. Il-preżenza tad-difensur ma għandha tkun nieqsa' qatt

sakemm l-istess akkużat ma jkunx ħa f'idejh id-difiża tiegħu nnifsu; anzi, biex wieħed ikun iżjed preċiż, hawnhekk għandu jissemma' u jiġi emfasizzat il-fatt illi l-liġi stess trid li akkużat jew imputat xorta waħda għandu jkun provvist b'difensur, anke f'dawk il-każijiet fejn huwa jkun irid jikkonduċi d-difiża tiegħu innifsu, jekk dina l-awto-difiża, fil-fehma tal-Qorti, ma tkunx tista' tasal biex tagħtih irpar adegwat għall-akkuża li huwa jkun qiegħed jikkumbatti.

Il-liġi trid li jew l-akkużat jagħmel huwa stess id-difiża tiegħu, jew jagħmilha permezz ta' l-avukat jew prokuratur legali skond il-każ; l-għażla (għalkemm mhux dejjem għandu l-aħħar kelma) qegħda f'idejh; u darba jkun għażel li jkun assistit minn difensur, dina l-assistenza ma għandha tiġi mċaħħda lilu qatt; anzi huwa dmir tal-Qorti li tara li dana jseħħ, kemm jekk il-proċeduri jkunu dwar akkużi ta' delitt, kemm jekk ikunu ta' imputazzjoni ta' kontravvenzjoni; sakemm si tratta ta' reat kriminali, id-dritt għad-difensur jibqa' hemm.

Ikkunsidrat:

Biex wieħed jirritorna għall-fatti ta' dan il-każ, ikun utili li l-Qorti turi x'inhu essenzjalment is-sinjifikat li għandu jingħata lill-verbal tal-21 ta' Ġunju, 1989; il-verbal huwa redatt b'dawn il-kliem:

"L-imputat jagħżel li ma jixhedx peress illi huwa sprovvist minn avukat."

Għall-Qorti dana jfisser li l-imputat ried li jkollu assistenza legali waqt li kien resaq il-mument li fih huwa wasal biex jagħti x-xiehda tiegħu – xiehda li ma riedx jagħtiha jekk mhux fil-

preżenza tad-difensur. Fi kliem ieħor, f'dan l-istadju tal-proċeduri l-imputat ried assistenza legali, dik l-istess assistenza li l-liġi tintitolah għaliha. Ġaladarba l-affarijiet hekk qegħdin, din il-Qorti hija tal-opinjoni illi l-proċeduri kriminali ma messhomx komplew mixjin 'il quddiem qabel ma l-imputat ikun provdut b'avukat jew prokuratur legali biex jiddefendih. Sfortunatament dan ma sarx u l-proċeduri mxew 'il quddiem sa ma l-kawża spiċċat biex ġiet deċiża dak inhar stess.

Illi għalkemm il-Kodiċi Kriminali ma jikkontjeni ebda disposizzjoni speċifika li tirregola talba għal differiment ta' kawża bħal ma hemm provdut fl-artikolu 195 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, b'danakollu l-Qorti tal-Maġistrati fuq imsemmija dejjem kellha fakoltà li jew tipposponi jew tiddifferixxi l-kawża sabiex fil-frattemp l-imputat ikollu difensur.

L-ilment ta' Saliba f'dan il-qasam għalhekk huwa ġustifikat.

Ikkunsidrat dwar l-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta –

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-parti tal-aħħar ta' l-ordni tal-5 ta' Frar, 1990, filwaqt li bagħtet dawk il-kwistjonijiet li ssollevat id-difiża li għadhom kif ġew trattati f'dina s-sentenza għad-deċiżjoni ta' dina l-Qorti skond dak li jrid l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, naqset illi ssemmi b'mod konċis u ċar il-fatti li minnhom inħolqot il-kwistjoni dwar il-ksur tas-subartikolu (9) tal-imsemmi artikolu 39; dana n-nuqqas imur kontra dak li jitlob ir-regolament 5 (1) tar-Regolamenti tal-Qorti ta' l-1964 dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali (A.L. 48 ta' l-1964); kull ma għamlet l-imsemmija

Onorabbli Qorti kien li fl-ordni rriproduċiet **verbatim** l-allegazzjonijiet li kien għamel id-difensur ta' Saliba quddiem l-istess Qorti dwar il-ksur tal-imsemmija disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mingħajr ma semmiet ebda fatt li seta' jissorreġġi dawk l-allegazzjonijiet. Forsi l-Qorti dana ma għamlitux għaliex ebda prova ma kellha quddiemha dwar l-esistenza ta' dak li kien qiegħed isostni li kienu l-fatti li fuqhom kien ried joqgħod l-istess difensur ta' Saliba biex jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu.

Barra minn dan, l-ordni tal-5 ta' Frar, 1990, ma jgħidx li dina l-kwistjoni partikolari kienet qegħda tintbagħat quddiem l-Qorti għad-deċiżjoni tagħha fuqha.

Għalhekk dwar l-allegat ksur ta' dina d-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dina l-Qorti tiddikjara illi l-ordni fuq imsemmi m'huwiex wieħed li jista' jitqies bħala ordni li bih il-kwistjoni ġiet riferita lil dina l-Qorti skond dak li jingħad u hemm maħsub fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u għal dina r-raġuni ma tieħux konjizzjoni ulterjuri tal-kwistjoni.

Dwar il-kwistjoni l-oħra riferita għad-deċiżjoni, dina l-Qorti taqta' u tiddeċidi li, għar-raġunijiet fuq imsemmija, fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Belin sive Benigno Saliba", maqtugħa fil-21 ta' Ġunju, 1989, kien hemm ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 39(6)(ċ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta l-Qorti msemmija kompliet bis-smiegħ tal-kawża f'ħin meta l-imputat ma kellux assistenza legali; tiddikjara wkoll li fl-imsemmijin proċeduri ma kien hemm ebda vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-paragrafi (b) u (d) tas-subartikolu (6) tal-

imsemmi artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Fl-aħħarnett il-Qorti tordna li l-proċess tal-kawża kriminali fl-ismijiet fuq imsemmija jitqiegħed mill-ġdid quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex il-kawża tkun tista' tkompli tieħu l-kors tagħha *skond il-liġi*.

Minn din is-sentenza appella l-Kumissarju tal-Pulizija.

1. F'proċeduri kostituzzjonali – kif diġa' kellha l-okkażżjoni li tiddikjara – din il-Qorti m'hix strettament marbuta mat-termini ta' forma u prassi proċedurali, li hija normalment issegwi. Din il-flessibilità hija meħtieġa billi fil-kamp tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet ta' l-individwu li daħlu fis-sistema tagħna fl-1962 - huwa inevitabbli illi r-riċerka għall-aħjar normi proċedurali li għandhom jiġu adottati, fid-diversi Qrati, fil-gradi kollha tagħhom, għadha fi stadju evoluttiv.

2. Għalkemm sejrin isiru xi ripetizzjonijiet ta' dak li ġa ġie reġistrat fis-sentenza riportata, dan huwa neċessarju għall-aħjar intendiment ta' dak li se jiġi espost.

3. Ir-riferenza *kostituzzjonali saret mill-Onorabbli Qorti* ta' l-Appell Kriminali b'digriet **tal-5 ta' Frar 1990,** li *"inter alia"* jgħid:

"Rat illi fl-udjenza tal-25 ta' Settembru, 1989, id-difiża talbet, li l-ewwel punt imqajjem minnha.... jiġifieri li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali ta' l-appellant meta l-ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza nonstante li l-appellant talab li jkun **assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu, waqt li jixhed,** jiġi rimess lill-Qorti Kostituzzjonali.

*Omissis*

Għalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, u wara li qieset li hija ħaġa mixtieqa li dan il-punt tar-rappresentanza ta' l-akkużat mill-avukat, mhux fis-sens ġenerali tal-prinċipju sanċit mill-Kostituzzjoni, **iżda fis-sens partikolari li jista'** jkun involut f'dan il-proċess, jiġifieri li meta l-Qorti tkun tat il-fakoltà kollha lill-avukat ta' l-akkużat jidher, iżda għal xi raġuni jew oħra, mhux l-inqas il-ħtieġa, li l-Qorti ma tikkonċedix differiment sempliċement għaliex l-avukat in kwistjoni fil-mument partikolari, jagħżel, jew ma jkunx jista', *jkun preżenti quddiem dik il-Qorti, ukoll minħabba impenji ta'* xogħol oħra, (recte, ieħor) li hu fil-qofol tal-proċess kriminali u konsegwentement ma jistax ikun li kwistjoni konnessa miegħu, tista' tkun frivola jew vessatorja, qegħda tibgħat din il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għad-deċiżjoni tagħha fuqha.

Fil-Qrati ta' kompetenza Kriminali, f'kull grad u f'kull funzjoni, jiġifieri kemm ta' ġudikatura kriminali kif ukoll ta' Istruttorja, meta – tiġi sollevata kwistjoni hekk imsejħa "kostituzzjonali" u partikolarment, il-vjolazzjoni ta' xi wieħed mill-prinċipji sanċiti fl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni – huwa l-ewwelnett dover tal-maġistrat jew imħallef li jeżamina jekk dik il-kwistjoni hijiex (a) digà kontemplata fil-liġi ordinarja u (b) jekk hija, hemmx rimedju għall-allegata irregolarità. Huwa manifest illi l-biċċa l-kbira tal-prinċipji fondamentali tal-proċedura kriminali li hemm fil-kostituzzjoni kienu ilhom reċipiti fil-Kodiċi Kriminali. Huwa daqstant ieħor manifest illi fejn il-Kodiċi Kriminali jfornixxi rimedju tajjeb u sodisfaċenti dan għandu jiġi mill-ewwel applikat, u ebda Qorti, f'din is-sitwazzjoni m'għandha twaqqaf dak ir-rimedju, u twaqqaf il-proċeduri, biex tistenna r-rimedju kostituzzjonali.

4. F'dan il-każ, per eżempju, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali – Sede Inferjuri – bejn is-6 ta' Settembru 1989 – meta ġiet sollevata għall-ewwel darba l-kwistjoni, sal-5 ta' Frar 1990 – meta tat id-digriet kwotat – m'għaddietx, kif kellha tagħmel, biex teżamina jekk il-lament ta' Benigno Saliba – kienx qabel kollox bażat fuq id-drittijiet lilu mogħtija fil-Kodiċi Kriminali. Meta dan ma jsirx minn dik il-Qorti, ikun irid jsir mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla u eventwalment minn din il-Qorti. U difatti hekk ġara f'dan il-każ.

Kif qalet sewwa s-sentenza appellata, l-Kodiċi Kriminali fih mhux anqas minn sbatax(17) l-artikolu li għandhom x'jaqsmu mar-rappresentanza legali ta' persuna akkużata b'reat kriminali. L-ebda waħda minn dawn ma ġiet konsiderata mill-Qorti li għamlet ir-riferenza kostituzzjonali. U dan ir-rifless huwa biżżejjed biex juri kemm huwa vitali l-proviso li hemm fl-artikolu *46(2) tal-Kostituzzjoni li jawtorizza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili* li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat kien disponibbli favur il-persuna li qed tallega l-ksur, skond xi liġi oħra, li mhix il-Kostituzzjoni.

5. B'dan kollu, l-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla, xorta waħda kompliet tisma' l-kawża bir-riżultat illi l-eżerċizzju tagħha huwa essenzjalment rivista u nterpretazzjoni ta' dawk is-sbatax (17) l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali u mhux tant l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Hawnhekk għandu jiġi wkoll innotat illi fid-digriet ta' riferenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali – Sede Inferjuri – filwaqt li jingħad illi Saliba qed jallega li fil-konfront tiegħu nkisru d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39(6)(b)(ċ) u (d) tal-Kostituzzjoni,

dak li hija rriferiet bħala kwistjoni kostituzzjonali – għalkemm żbaljatament ma ndikatx preċiżament liema disposizzjoni kostituzzjonali nkisret – huwa evident illi mis-subinċiż ta' l-art.39 insemmija minn Saliba, dak li huwa rilevanti għall-każ speċifiku huwa s-subinċiż (6)(ċ) li jgħid:

"għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali....."

6. Is-sentenza appellata – għalhekk hija essenzjalment interpretazzjoni ta' dawk is-17 artikolu tal-Kodiċi Kriminali li kumulattivament kunsidrati, jindikaw drittijiet li jmorru anki oltre dak li huwa provvdut fil-Kostituzzjoni.

7. Din il-Qorti taqbel, b'mod ġenerali, dak li bl-istess mod ġenerali, hemm espress fis-sentenza appellata rigward id-dritt ta' kull imputat li jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali, skond il-kaz. L-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju fil-prattika forensi għandu fl-istess ħin, ikun **dejjem** però sottomess għad-dettami tar-**raġuni retta u prattika** tal-ġudikant.

8. Meta s-sentenza appellata għaddiet, kif qalet, għall-**fatti** tal-każ, waslet għall-konklużżjoni illi meta l-imputat Saliba għażel li ma jixhedx peress li kien sprovvist minn avukat, il-Qorti ma kellhiex tkompli miexja u tagħti s-sentenza dakinhar stess. B'hekk – qalet il-Qorti – inkiser id-dritt kostituzzjonali ta' l-imputat għaliex dan jammonta għal li l-imputat ma tħalliex jiddefendi ruħu permezz ta' avukat.

Issa x'ġara effettivament fil-kawża?: –

(a) Saliba ġie mħarrek biex jidher u jirrispondi għall-

imputazzjoni fit-**13 ta' Settembru 1988.** Dakinhar huwa deher – **assistit mill-Avukat Dr. Franz Refalo** – li talab il-liberazzjoni tiegħu a bażi ta' l-eċċezzjoni "*ne bis in idem*".

(b) Fit-**12 ta' Ottubru 1988** l-istess avukat, għall-imputat, ippreżenta **nota** ta' eċċezzjonijet, u **talab li jippreżenta** nota ta' osservazzjonijiet u l-kawża **ġiet differita** għall-preżentata ta' dik in-nota.

(ċ) Seduta ta' l-4 ta' Jannar 1989 – ma sar xejn.

(d) Seduta tad-29 ta' Marzu 1989 – ma sar xejn.

(e) Seduta tal-21 ta' Ġunju 1989 – L-imputat jagħżel li ma jixhidx peress li huwa sprovvist minn avukat – il-kawża ġiet deċiża.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti m'hix lesta li tgħid illi d-dritt kostituzzjonali ta' Saliba li jiddefendi ruħu permezz ta' rappreżentanti legali – ġie b'xi mod ivvjolat.

Is-sentenza appellata qalet dan billi rriteniet illi:

"Il-presenza tad-difensur ma għandha tkun nieqsa qatt sakemm l-istess akkużat ma jkunx ħa f'idejh id-difiża tiegħu nnifsu; anzi biex wieħed ikun iżjed preċiż, hawnhekk għandu jissemma u jiġi enfasizzat il-fatt illi l-liġi stess trid li akkużat jew imputat xorta waħda għandu jkun provvist b'difensur, anki f'dawk il-każijiet fejn huwa jkun irid jikkonduċi d-difiża tiegħu nnifsu, jekk din l-awto-difesa, fil-fehma tal-Qorti ma tkunx tista' tasal biex tagħtih ripar adegwat għall-akkuża li huwa ikun qiegħed jikkumbatti".

Din l-*obiter dicta* tista' tiġi nterpretata f'sens assolut li ma jkunx konformi mar-regoli tar-raġuni retta u prattika. L-imputat għandu d-dritt inaljenabbli li f'proċeduri kriminali jkollu l-assistenza ta' persuna kwalifikata biex tiddefendih u għax-xelta tiegħu, imma dan id-dritt irid jiġi wkoll armonizzat ma' l-obbligu tal-ġudikant li jittratta l-kawża u jiddeċidiha. Fil-proċeduri kriminali għalhekk huwa essenzjali illi l-Qorti tespleta d-doveri tagħha b'mod li ladarba l-kawża tibda' din tibqa' tiġi trattata u deċiża mingħajr interruzzjoni nkwantu kull differiment joħloq problemi rigward il-preżenza tar-rappreżentant legali ta' l-imputat. Huwa veru li l-Qorti – meta l-imputat ma jkunx assistit – tista' u għandha, tagħti ħin raġonevoli biex l-imputat jissostitwixxi difensur b'ieħor meta l-ewwel wieħed ma jkunx preżenti għat-tieni seduta, imma din is-soluzzjoni, valida kemm hija valida (anzi, hija l-unika, f'ħafna każi, bħal ma kien dan "*de quo agimur*") xorta waħda, xi ftit jew wisq, ma tissodisfax l-imputat.

9. Il-Qorti għalhekk hija obbligata li tirregola u tikkontrolla rigorożament id-differiment tal-kawżi kriminali. Għandha tkun parsimonjuża mat-talbiet għad-differiment da parti tal-prosekuzzjoni u aktar liberali mat-talbiet ta' l-imputat – b'dan però li dawn ta' l-aħħar jingħataw bl-avviż li l-kawża qed tiġi differita' b'ċertu riskju għall-istess imputat inkluż dak li huwa – jekk ma jkollux l-assistenza tad-difensur tiegħu fil-ġurnata li għaliha tkun differita l-kawża, jiġi mill-Qorti mogħti ħin raġonevoli biex jissostitwixxi difensur b'ieħor biex il-kawża – **dakinhar** – tiġi trattata u deċiża. Hekk tgħidlek ir-raġuni prattika u hekk għandu jsir.

Hekk ukoll, kellu jagħmel il-maġistrat fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 1989. Imma kellu jagħmel hekk skond interpretazzjoni

għaqlija u kumulattiva ta' l-artikoli msemmija tal-Kodiċi Kriminali tagħna u b'daqshekk ma vvjolax ebda provvediment tal-Kostituzzjoni. Ikun kompletament inkongruwu li f'każ bħal dak preżenti jiġi dikjarat li l-imputat **ma tħalliex** jiddefendi ruħu permezz tar-rappreżentant *legali tiegħu meta:*

(a) l-avukat deher fl-ewwel appuntament u ssottometta l-ewwel eċċezzjoni,

(b) deher fit-tieni seduta u għamel bil-miktub serie ta' eċċezzjonijiet u

(c) talab differiment biex jagħmel nota' ta' osservazzjonijiet – u mogħti din il-fakoltà ta' difiża mit-12 ta' Ottubru 1988 sal-21 ta' Ġunju 1989 – baqa' ma ppreżentahiex – billi l-istess avukat ma kienx preżenti – mingħajr ebda raġuni jew ġustifikazzjoni; – b'hekk, wara tmien (8) xhur u billi l-imputat ma riedx allura jixhed għaliex l-avukat mhux preżenti – jista' jiġi rettament ritenut li b'daqshekk Saliba sofra vjolazzjoni kostituzzjonali.

10. Ir-*rimedju ta' dan kollu – dejjem fl-ambitu tal-liġi* tagħna ordinarja – kien naturalment li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali – Sede Inferjuri – proprju fil-kors normali ta' l-appell u skond l-interpretazzjoni assenata tal-proċedura kriminali, tisma' bil-ġurament lill-imputat allavolja huwa ma xehedx quddiem il-maġistrat inkwantu kien ġustifikat li ma jixhedx billi l-Qorti tal-Maġistrati ma tagħtux ftit tal-ħin biex jistruwixxi difensur meta d-difensur oriġinali tiegħu li kien assistih għal disa' (9) xhur sħaħ, dakinhar tas-seduta tal-21 ta' Ġunju 1989 ma deherx.

U hekk tiddisponi mill-punt prinċipali tas-sentenza appellata.

11. Fl-istess sentenza hemm aċċenn għall-allegat ksur ta' l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni però fuq daqshekk ma kien hemm ebda riferenza fid-digriet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali u din l-allegata vjolazzjoni allegata f'xi verbali tal-proċess – imma m'hix fir-riferenza – u għalhekk m'hix in konsiderazzjoni.

12. Fir-risposta ta' l-appellat hemm oġġezzjoni għall-fatt illi l-appell sar mill-Kummissarju tal-Pulizija u mhux – mill-leġittimu kontradittur, li huwa l-Onorevoli Prim Ministru.

Din is-sottomissjoni hija żbaljata għaliex – anzi, għall-kuntrarju, il-leġittmu kontradittur prinċipali fil-kawża huwa l-Kummissarju tal-Pulizija – kif ġie spjegat fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Joseph Abela vs L-Onorevoli Prim Ministru *et* - Rikors Numru 278/89 tas-7 ta' Diċembru 1990, u – Paul Debono vs L-Aġent Prim Ministru *et* – Rikors Numru 307/90 ta' l-istess data.

13. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti, filwaqt li tiddisponi mill-appell interpost fis-sens hawn qabel imsemmi, tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tiddikjara li ma kienx hemm vjolazzjoni tad-dettami kostituzzjonali nkorporati fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni – imma minħabba dak li diġà ġie spjegat rigward l-artikoli tal-Kodiċi Kriminali – tibgħat lura l-inkartament tal-kawża lill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali – Sede Inferjuri – biex l-appell ta' Benigno Saliba jkompli jinstema' u jiġi deċiż.